# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum*

# 2005

# STUDJI SOĊJALI

TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

## A IKTEB DAWN IL-KLIEM FIL-POST IL-VOJT:

| | |
|---|---|
| kabinett | xogħol volontarju |
| xogħol speċjalizzat | elezzjoni ġenerali |
| kultura | solidarjetà |
| d-dmirijiet | valuri ċiviċi |

1. Il-poplu Malti wera ___________________ kbira mal-pajjiżi ta' l-Asja wara d-diżastri li dawn sofrew billi bagħat ilma, mediċini u ikel fil-bottijiet.

2. Il-___________________ bħal rispett għad-drittijiet u rispett lejn l-ambjent naturali u storiku jġibu aktar għaqda u ordni fis-soċjetà.

3. Għaqdiet bħall-MUSEUM u l-CARITAS jagħmlu ___________________ fil-komunità.

4. Meta s-soċjetà tikber u tiżviluppa, ikun hawn bżonn aktar ta' ___________________.

5. Il-___________________ ta' pajjiż hija magħmula minn ħafna elementi bħal-lingwa, il-folklor u t-tradizzjonijiet.

6. F'Malta ssir ___________________ kull ħames snin.

7. Il-Ministri u l-Prim Ministru flimkien jiffurmaw il-___________________.

8. Iċ-ċittadini għandhom jaqdu ___________________ tagħhom sew.

(1 x 8 = 8 marki)

**B ĦARES SEWWA LEJN L-ISTAMPA. IKTEB TAJBA JEW ĦAŻINA WARA KULL SENTENZA TA' TAĦTHA.**



1. Dan il-bini mġarraf kien il-Forti Sant' Iermu u waqa' fiż-żmien Neolitiku. ____________

2. Il-mexxejja dittaturi Ħitler u Mussolini riedu jieħdu artijiet ta' popli oħra. ____________

3. Fil-bidu tal-gwerra f'Malta kien hawn tliet mitt (300) ajruplan Ingliż *'Hurricane'* u *'Spitfire'*. ____________

4. Is-snin mill-1940 sa l-1943 kienu snin ta' tbatija, qtigħ il-qalb u sagrifiċċji ta' kuljum għal missirijietna. ____________

5. Il-Maltin ħaffru kenn jew xelters biex jistkennu mill-bombi ta' l-għedewwa. ____________

6. Il-*George Cross* fuq il-bandiera Maltija huwa prova tal-qlubija tal-Maltin fit-Tieni Gwerra Dinjija. ____________

(1 x 6 = 6 marki)

## Ċ ĦARES LEJN IL-MAPPA TAL-GŻEJJER MALTIN U IKTEB LIEMA HUMA L-POSTIJIET IMMARKATI BIN-NUMRI.




1. Din hi l-belt kapitali ta' Għawdex. _________________
2. Il-laqgħat tal-Parlament isiru f'din il-lokalità. _______________
3. Dan il-post hu magħruf ħafna għas-sajd. __________________
4. Hawnhekk jinsabu katakombi u d-Domus (Dar) Rumana. _____________
5. F'dan il-post issir il-festa tal-Kunċizzjoni. _________________
6. Minn hawn jitlaq il-vapur minn Malta lejn Għawdex. __________
7. Din hi l-akbar bajja mimlija kollha ramel, f'Malta. _______________
8. F'dan il-post il-Maltin iħobbu jmorru għall-vaganzi meta jżuru Għawdex matul is-sajf. _____________________

(1 x 8 = 8 marki)

## D WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET.

1. X'tissejjaħ ir-reliġjon u x'insejħulu l-post fejn jitolbu dawn il-gruppi reliġjużi.

| | RELIĠJON | POST FEJN JITOLBU |
|---|---|---|
| L-Insara | | |
| Il-Lhud | | |
| Il-Misilmin | | |

(2 x 3 = 6 marki)

2. Għalkemm l-Insara, il-Lhud u l-Misilmin għandhom reliġjon differenti, xorta waħda għandhom affarijiet komuni. Semmi żewġ punti, minbarra t-talb, li huma komuni għat-tliet reliġjonijiet.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Ħafna drabi r-religjon hija parti mill-kultura tal-pajjiż. Agħti żewġ eżempji ta' kif dan jista' jseħħ.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

(Total 10 marki)

## E WIEĠEB DAWN IL-MISTOQSIJIET.

1. Liema huma l-ħames jiem nazzjonali ta' Malta?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5 marki)

2. Agħżel **waħda** minnhom u għid fiex tfakkarna.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

(Total 8 marki)

**F ĦARES SEW LEJN IT-TPINĠIJA LI TURI BATTALJA TA' L-ASSEDJU L-KBIR TA' L-1565 U WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET.**



1. Semmi żewġ fortizzi jew postijiet li jidhru fit-tpinġija.

____________________ ____________________ (2 marki)

2. Semmi żewġ raġunijiet għala t-Torok attakkaw lil Malta fl-1565.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

(2 marki)

3. Semmi żewġ diffikultajiet li t-Torok ħabbtu wiċċhom magħhom waqt l-Assedju.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

(2 marki)

(Total 6 marki)

## Ġ ĦARES LEJN IL-MAPPA TAD-DINJA U WARA AĦDEM L-EŻERĊIZZJU.



1. Fuq il-mappa vojta tad-dinja ikteb l-ismijiet ta' dawn is-sitt kontinenti.

| | | |
|---|---|---|
| l-Ewropa | l-Awstralja | l-Amerika |
| l-Afrika | l-Antartika | l-Asja |

(6 marki)

2. Il-Baħar Mediterran għandu xi fetħiet lejn ibħra oħra.
   Semmi tnejn minn dawn il-fetħiet.

   ____________________ ____________________

(2 marki)

3. Il-Baħar Mediterran imiss ma' l-Oċejan Atlantiku u ma' żewġ ibħra oħra.
   Semmi l-ismijiet ta' dawn iż-żewġ ibħra.

   ____________________ ____________________

(2 marki)

(Total 10 marki)

**G AQRA DAWN IS-SITWAZZJONIJIET U WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET DWARHOM.**

1. Tlett aħwa kienu differenti fil-karattru. Il-kbir fosthom kien kuraġġjuż, tan-nofs kien kwiet u ż-żgħir kien imqareb. Ta' spiss kienu jiġu fl-inkwiet mal-ġenituri tagħhom, għaliex meta kien jinqala' xi saram kienu jwaħħlu f'xulxin. Ħafna drabi kienet tinqala' xi kwistjoni bejn il-ġenituri fuq it-tfal.

   **Kif tista' din il-familja tgħix aktar fil-kwiet u lkoll jitgħallmu jiġbdu ħabel wieħed?**

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   (2 marki)

2. Fil-klassi waqt ħidma fi gruppi, kien jinqala' tilwim bejn it-tfal fuq min se jkun il-kap tal-grupp, għaliex l-għalliem kien iħalli f'idejn it-tfal biex jagħżlu l-kap.

   **Kif taħseb li t-tfal bejniethom jistgħu jirranġaw dan il-konflitt li nqala'?**

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   (2 marki)

3. Fl-iskola qed tiġi ddedikata ġurnata għall-kultura Maltija, imma f'din l-istess skola hemm tfal ta' kulturi differenti.

   **X'taħseb li għandu jsir f'din l-iskola biex it-tfal barranin b'kulturi differenti jħossuhom parti mill-iskola?**

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   ________________________________________

   (2 marki)

   (Total 6 marki)

## GĦ WIEĠEB FIL-QOSOR DAWN IL-MISTOQSIJIET.

1. Fiex kienu jixbħuna l-ewwel nies li ġew Malta fiż-żmien Neolitiku? Fejn nafu dan?

 ____________________________________________________________

 ____________________________________________________________

2. Fost l-ewwel inħawi mibnija min-nies Neolitici kien hemm dawk ta’ Skorba. Fejn jinsab dan il-post u x’instab fih?

 ____________________________________________________________

 ____________________________________________________________

3. Fejn nafu li f’xi żmien Malta u Sqallija kienu magħquda ma’ xulxin?

 ____________________________________________________________

 ____________________________________________________________

4. Semmi żewġ vantaġġi li kellha l-għolja Xiberras biex fuqha tinbena l-Belt Valletta.

 ____________________________________________________________

 ____________________________________________________________

 ____________________________________________________________

(2 x 4 = 8 marki)

## H KOMPLI DAWN IS-SENTENZI DWAR IL-KLIMA TA’ MALTA.

1. Fl-Uffiċċju Meteoroloġiku jingabar tagħrif dwar

 ____________________________________________________________

2. It-temperatura turina kemm

 ____________________________________________________________

3. Grad ta’ 38 Ċelsius ifisser

 ____________________________________________________________

4. Bil-pluvjometru nkunu nafu kemm

 ____________________________________________________________

5. Is-sħab jifforma wara li

 ____________________________________________________________

6. Bil-pinnur inkunu nafu

 ____________________________________________________________

7. Bl-anemometru nkunu nafu

_______________________________________________

8. Kull direzzjoni tar-riħ għandha isem partikolari li flimkien jiffurmaw

_______________________________________________

(1 x 8 = 8 marki)

**Ħ AQRA DIN IS-SILTA U WIEĠEB IL-MISTOQSIJIET.**

Ix-xogħol huwa attività importanti għall-ħajja tal-bniedem. Huwa x-xogħol li jgħin lill-bniedem biex jikber u jiżviluppa t-talenti tiegħu. Minn dejjem kien isir xogħol differenti li jinbidel skond iż-żminijiet. Ix-xogħol jgħin lill-bniedem jgħix u jkun qed jagħti servizz lis-soċjetà.

1. Kif iħossu bniedem li ma jkollux xogħol x'jagħmel?

_______________________________________________

_______________________________________________

(marka)

2. Agħti żewġ eżempji ta' xogħol fejn il-ħaddiem ikun qed jagħti servizz lil ħaddieħor.

_______________________________________________

(2 marki)

3. Ix-xogħol inbidel maż-żminijiet. Semmi żewġ xogħlijiet li kienu jsiru qabel, imma li llum m'għadhomx wisq komuni.

_______________________________________________

(2 marki)

4. Ikteb ħames sentenzi dwar l-importanza tax-xogħol għall-bnedmin.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

(5 marki)

(Total 10 marki)

**I** Immaġina li int tifla jew tifel li tgħix fis-sena 60 Wara Kristu. Kien il-maltemp u rajt ġifen jegħreq. Fost dawk li ħelsuha mill-għarqa kien hemm priġunier, ċertu Pawlu minn Tarsu jew San Pawl kif sar magħruf wara. **Ikteb sitt sentenzi** dwar x'rajt, x'ħassejt u x'għamilt meta wasalt ħdejn dawk li ħelsuha mill-għarqa.

(6 marki)

**J** **IKTEB SITT SENTENZI DWAR <u>WIEĦED</u> MINN DAWN.**

Il-Biedja f'Malta **jew** Il-Fabbriki f'Malta

(6 marki)

**TMIEM IL-KARTA**